MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 190/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Conrad Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Dicembru, 2007, ghall-habta ta' 4.50 p.m., f'Hal-Qormi, kif ukoll f'hinijiet differenti u f'postijiet ohra, saq jew ghamel uzu minn vettura ta' ghamla BMW mudell 530
1) minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
2) saq jew ghamel uzu mill-imsemmija vettura ta' ghamla BMW mudell 530 minghajr ma kienet registrata ma l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;
3) saq jew ghamel uzu mill-imsemmija vettura ta' ghamla BMW mudell 530 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

4) fl-istess cirkostanzi saq l-imsemmija vettura w ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, cioe' ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra BMW-104 li jappartjenu vettura ohra ta' ghamla BMW mudell M3 u gew uzati fuq il-vettura li kien qed isuq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Gunju, 2008, li biha, gie liberat ghax l-akkuzi ma kienux sufficjentement ippruvati kif dedotti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedi l-kawza billi ssib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tghaddi biex taghti s-sentenza xierqa fic-cirkostanzi ai termini tal-Kapitoli 65, 104 u 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li meta wiehed janalizza l-process u partikolarment l-istqarrija tal-imputat a fol. 8 tal-process, jirrizulta li l-appellat ammetta minghajr tlaqlieq ta' xejn ghal dak kollu allegat mill-Pulizija. Kwindi minn hemm l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed informazzjoni biex tasal ghal dikjarazzjoni ta' htija. Hemm ukoll ix-xhieda tal-ufficjal investigattiv a fol. 6 u dik ta' Stephen Cachia, in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tikkonkludi li l-prova *"shiha u kompluta"* kif rikjesta mill-ligi ma gietx sodisfatta.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tad-9 t' Ottubru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi migjuba permezz ta' affidavit u dawk mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej :-

**L-ISPETTUR STEPHEN MALLIA**, fl-Affidavit tieghu (Fols. 4 sa 7 tal-process), iddikjara li fl-1 ta' Dicembru, 2007, ghall-habta tal-4.50pm., flimkien mal-Ispettur Michael Mallia w zewg pulizija, kien ghamel tfittxija go garage li jbiegh il-vetturi bl-isem ta' 'Chanlai Auto Dealer', go Misrah il-Kittieba, Qormi w dan in konnessjoni ma set pjanci ta' registrazzjoni bin-numru BMW 104 li kienu nhargu ftit jiem qabel fuq vettura tal-ghamla BMW, mudell M3 ta' kulur silver u dan peress li l-Pulizija kellha informazzjoni li dawn il-pjanci kienu qed jintuzaw fuq vettura differenti.

Waqt din it-tfittxija li saret fil-prezenza tal-appellat u ta' huh Stephen Galea. Dan Stephen Galea, meta rahom ifittxu il-pjanci in kwistjoni, informa lill-appellat li dawn kienu jinsabu gewwa l-bagoll ta' wara ta' vettura ohra, li dak il-hin kienet fil-garage. Meta instabu dawn il-pjanci bin-numru **BMW 104**, gie nutat li kienu mimlijin tajn u ghalhekk ma kienux tal-vettura li kienet ghadha nadifa tazza u li nstabu go fiha. Gie osservat li gol-istess garage kien hemm vettura ohra tal-marka BMW mudell 530 ta' kulur iswed li kienet ghadha mimlija tajn u, kuntrarjament ghal-vetturi l-ohra li kien hemm fis-showroom, kienet tindika li ma kienetx ilha li ntuzat fit-triq. Ghalhekk hu issuspetta li dawn il-pjanci kienu ntuzaw fuq din it-tieni BMW li kienet ghadha mahmuga w dan ghax it-tajn li kien hemm fuq il-pjanci kien jikkorrispondi ma dak li kien jidher fuq din il-vettura, partikolarment ma fejn kienu mwahhlin il-pjanci. Ma kienx jaghmel xejn sens li BMW bla pjanci tkun mahmuga b' mod li jindika li kienet uzata recentement. Lanqas kien jaghmel sens li l-istess pjanci mahmugin jinstabu go bagoll ta' vettura differenti li kienet nadifa tazza w li ma kienux jappartjenu lilha.

Minn investigazzjoni li kien ghamel irrizultalu li l-vettura BMW mudell 530 kienet ghadha mhux registrata mal-ADT peress li din kienet giet impurtata *second hand* mill-Ingilterra u kien dahhalha certo Tanio Fenech ta' Premier Car Sales ta' Burmarrad. L-appellat ma kellux fil-pussess tieghu xi dokument ta' din il-BMW 530 biex ikun jista' jbieghha hu. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu kien qal li kien lest li jgib dawn id-dokumenti, kien baqa' ma gab xejn.

Sussegwentement fl-istqarrija tieghu l-appellat kien ammetta li matul l-ahhar jiem kien ghamel uzu minn din il-BMW mudell 530 bin-numri ta' registrazzjoni foloz li jaqraw BMW 104 li suppost kienu jappartjenu lil vettura differenti tal-marka BMW tal-mudell M3 u li taghha kien newwlilhom il-log book numru D/518082 u l-licenzja tal-windscreen, licence disk, bin-numru tal-ircevuta F169577. L-appellat kien ammetta mieghu w mall-Ispettur Michael Mallia li kien uza l-BMW mudell 530 bil-pjanci **BMW 104** tal-vettura l-ohra, li dak iz-zmien kienet ghand tellar peress li kienet involuta f' incident f' Hal Qormi. Qal li l-BMW mudell 530 kellu bzonn johodha ghand l-agent tal-BMW fil-Gzira w li dan ghamlu bil-pjanci foloz imwahhlin peress li din il-vettura kien ghadha mhux registrata lokalment.

Meta gie mistoqsi kienx jaf li l-BMW 530, li kien uza fit-triq bi pjanci foloz, ma kienetx licenzjata w assikurata biex tintuza fit-triq, l-appellat kien stqarr li kien konxju ta' dan w anki sostna dan fl-istqarrija li rrilaxxja quddiemu aktar tard dakinhar. Ghalhekk inbdew il-proceduri odjerni.

Gie verbalizzat quddiem din il-Qorti mid-difensur tal-appellat li hu ma riedx jaghmel kontroezami tal-Ispettur fuq dan l-affidavit.

Giet ukoll esebita l-istqarrija tal-appellat a fol. 8 et seq. tal-process. F' din l-istqarrija l-appellat *inter alia* qal li hu, bi shab ma persuna ohra, ghandu negozju ta' biegh ta' vetturi *second hand* go garage bl-isem ta' 'Chanlai" f' Hal Qormi. Qal ukoll ***"Nghid li l-pjanci li tajtkom u li sibtu fil-bagoll tal-BMW DBO 279 liema pjanci ghandhom in-numru 'BMW 104' , jien fil-fatt kont qieghed nuzhom***

***din il-gimha stess wara li wahhalthom fuq il-BMW 530 biex nohodha ghand l-agent tal-BMW il-Gzira, minnhabba l-brejks. Nghid li wara li ndejt b' dawn il-pjanci, qlajthom u tfajthom fil-bagoll tal-BMW l-ohra li kelli fil-garage…. Irrid nghid li dawn il-pjanci BMW 104 huma proprja ta' BMW ta' mudell M3 li jien xtrajt madwar xaharejn ilu…"*** Umbaghad ghad-domanda tal-ispettur jekk kienx qed jghid sew li hu allura kien qed juza din il-BMW 530 mhux biss bi pjanci foloz, izda ukoll bla licenzja valida ghat-triq u bla polza ta' asskurazzjoni, wiegeb: ***"Mhux hekk! Iva."*** Mistoqsi b' liema karozza kien qed imur id-dar Hal Balzan, filghaxija normalment, wiegeb: *"B' li nsib, izda dan l-ahhar kont qed nuza Mitsubishi Pajero ahdar li ma nafx in-numru tieghu.* ***Kont qed nuza wkoll il-BMW 530 bin-numru falz BMW 104 li suppost hu tal-BMW silver tal-marka M3."***

**STEPHEN CACHIA,** li xehed in rapprezentanza tal-Awtorita' Dwar it-Trasport, xehed li il-BMW M3 convertible, ta' kulur silver bin-numru BMW 104, fl-1 ta' Dicembru, 2007, kienet registrata fuq l-appellat. Rigward il-BMW 530 l-ohra, li hu mudell differenti, peress li kienet ghadha mhux registrata, m'ghandhomx *records.*

**BRIAN FARRUGIA,** li xehed ukoll in rapprezentanza tal-istess Awtorita', qal li l-karozza BMW M3 numru BMW 104 fl-1 ta' Dicembru, 2007, kienet registrata fuq l-appellat. Fit-23 t' April, 2008, umbaghad giet registrata fuq Joanna Gauci. Fuq vettura BMW mudell 530 pero' ma setghax jaghmel ricerka. In kontro-ezami, qal li jaf li l-appellat huwa *car dealer* u jaf li *car dealer* ikollu *number plates* bit-*trial run*. Jekk joqghod fil-limiti li tippermetti l-ligi fil-Legal Notice 476 / 2004, min johrog bin-*number plates* tat-*trial run*, ikun kopert b' insurance, jekk juzhom ghal dawk l-ghanijiet specifikati fil-Legal Notice, allavolja ma jkollux pjanci tan-numri. Ikun kopert kemm ghal-fini ta' insurance kif ukoll ghall-fini tal-licenzja. Il-*car dealers* ihallsu *block insurance* f' sena u jistghu juzawha ghal kwalunkwe vettura ghall-iskopijiet elenkati fil-Legal Notice.

L-appellat ma xehedx u ma gab ebda prova biex jikkontradici l-provi tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi meta wiehed jara dawn il-provi skjaccanti, u partikolarment l-ammissjoni inkondizzjonata tal-appellant kif riprodotta fl-istqarrija tieghu fuq citata, din il-Qorti tibqa' ghal kollox zbalordita kif l-Ewwel Qorti setghet tillibera lill-appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu. Dan hu kaz car u manifest ta' decizjoni zbaljata ghall-ahhar u l-unika spjegazzjoni li tista' ssib din il-Qorti hi li l-Ewwel Qorti forsi ma indunatx bix-xhieda bl-affidavit tal-Ispettur Mallia fuq riprodotta fid-dettall u aktar w aktar bil-PROVA REGINA tal-htija li tohrg mill-ammissjoni tal-appellat fl-istqarrija tieghu w partikolarment fil-brani taghha fuq citati.

Ikkonsidrat;

Li l-linja ta' domandi li saru mid-difiza tal-appellat lix-xhud Brian Farrugia dwar il-kopertura bi *block insurance* li jkollhom *car dealers* meta jaghmlu uzu minn *number plate* bi *'trial run'* kienet biss dak li bl-Ingliz tissejjah *"a red herring*" ghax hawn *ex admissis* non si tratta ta' sewqan ta' xi vettura b' *number plates* ta' *"trial run"* imma abbuz car konsistenti fis-sewqan ta' vettura mhux registrata biex tkun fuq it-triq u mhux assikurata, bl-uzu ta' pjanci ta' registrazzjoni li kienu jappartjenu lill-vettura ohra.

Illi mbaghad is-sottomissjoni li ghamel l-abbli difensur li l-akkuza kienet specifika ghad-data tal-1 ta' Dicembru, 2007, u li ma ngabitx prova li nstaqet ma treggix ghax dan jirrizulta *ex admissis* mill-appellat li hu saq dik il-vettura w dan mhux biss fid-data u hin indikat, imma ukoll skond l-akkuza : *"kif ukoll f' hinijiet differenti u f' postijiet ohra".*

Ikkonsidrat;

Illi mbaghad l-artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi li :-

*"Hadd ma jista' juza ...... vettura tal-mutur fit-toroq kemm il-darba ghall-uzu tal-vettura minnu ...... ma tkunx tezisti polza ta' sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni...."*

Illi t-test tal-ligi Ingliza li tkopri dil-materja w cioe' Sec. 143 (1) (a) tar-Road Traffic Act huwa kwazi identiku ghall-dan l-artikolu w jghid testwalment :-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

"Illi l-pozizzjoni fil-ligi w l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell, p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:* ***Philcox vs. Carberry*** *{1960} Crim. L.R. 563 , D.C."*

"Illi saret f' dik is-sentenza riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review** , 1960 li b' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

*"It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent, the burden of disproving it lies upon the latter." {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J.,obiter , in "****Williams v. Russell****" (1933) 149 L.T. 190, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance, the onus was on the accused to prove he*

*had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case .”*

“Umbaghad **BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788] jghid:-

*“In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . (**Williams v. Russell** [1933] 149 LT 190 ; **Philcox v. Carberry** [1960] Crim. L.R. 563).”*

Illi umbaghad jekk qatt seta’ jkun hemm xi dubju dwar dan il-principju, dan gie eliminat fil-ligi taghna bl-emenda recenti introdotta bl-artikolu gdid 3 (1A) tal-Kap. 104 li jghid testwalment li :-

“*jkun prezunt li ma kienx hemm polza ta’ l-assigurazzjoni fis-sehh skond is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu , kemm il-darba min jigi akkuzat b’ reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta’ l-assigurazzjoni mahrug taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza.”*

L-appellant pero' ma ressaq ebda prova kwalsiasi f' din il-kawza biex jipprova li din il-vettura BMW mudell 530 kienet licenzjata biex tinsaq fit-triq u li hu kien kopert b' polza t' assikurazzjoni. Ghalhekk taht kull aspett l-imputazzjonijiet kollha jirrizultaw pruvati.

Ghalhekk u minghajr htiega ta' elaborazzjoni w motivazzjoni ulterjuri din il-Qorti tara li l-appell tal-Avukat Generali hu altru milli ben fondat u ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha w minnflok, wara li rat l-artikoli 15 (1)(a), (1A) tal-Kap.65, l-art. 3 (1), (1A), (2)(a) u (2A) tal-Kap. 104, u r-regolamenti 3,14,51(5) tal-Avviz Legali, L.N.276/2006, issib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u hames mitt Ewro

(E2500) u tordna li l-appellat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar li jibdew jghaddu min-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------